# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum it-Tnejn, 3 ta’ Settembru, 2001**

**Appell Nru 187/2000**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Gauci**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoniji migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Gauci talli fit-3 ta’ Dicembru 1999 u fil-gimghat precedenti, fil-Marsa u fi bnadi ohra, bil-hsieb illi jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Rita Azzopardi weggaghha bi kliem jew b’xi mod iehor;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-26 ta’ Lulju, 2000, li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Joseph Gauci hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-piena ta’ xahar prigunerija;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-istess Joseph Gauci, minnu ppresentat fis-7 ta’ Awissu, 2000, li permezz tieghu talab ir-revoka ta’ l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet; ikkunsidrat:

Qabel ma tikkunsidra l-aggravji ta’ l-appellant, ikun opportun f’dan il-kaz li din il-Qorti tissentetizza dak li rrizultalha mill-provi mismugha. Jirrizulta li f’xi zmien qabel Dicembru ta’ l-1999 trabbiet bejn l-appellant Joseph Gauci u l-kwerelanti Rita Azzopardi – mara separata minn ma’ zewgha u li kienet tghix ma binha li dak iz-zmien kellu cirka tmien snin – certa hbiberija li setghet kienet ftit aktar minn dik ta’ semplici girien. F’hin minnhom, pero`, din il-hbiberija spiccat. Azzopardi tghid li din il-hbiberija ntemmet peress li l-appellant ried idahhlilha rigiel ghal skopijiet ta’ prostituzzjoni, haga li hi ma rieditx taghmel. Wara li spiccat din il-hbiberija jirrizulta li beda hafna nkwiet bejn l-appellant u din Azzopardi. Kien proprju waqt li qed jinvestiga rapport partikolari li l-Ispettur Joseph Cordina baghat ghall-appellant, u dan qallu (cioe` qal lill-

ispettur) li bejn Rita Azzopardi u bejn it-tifel taghha kien hemm “relazzjonijiet hziena”. Fi kliem l-ispettur:

“…dan beda jirrakkontali li t-tifel jagixxi b’mod mhux normali ghal tifel ta’ disa’ snin, bdejt nistaqsieh ghalfejn, qalli ghax jitla’ fuq ommu bhalma ragel jitla fuq mara u li hi tqabbdu jirrangalha s-sanitary pads u hafna affarijiet minn dawn.”

Minhabba l-implikazzjonijiet cari ta’ dak li l-appellant kien qed jghid lill-Ispettur, u cioe` li kien hemm xi forma ta’ abbuz sesswali tat-tifel da parti ta’ ommu, l-istess Spettur hass li kellu jaghmel rapport u jghaddih lit-taqsima tal-pulizija li tiehu hsieb, fost affarijiet ohra, kazijiet ta’ allegazzjoni ta’ abbuz ta’ tfal. Pero` l-appellant ma waqfx hawn; hu kellem diversi nies ohra, ghalkemm ma huwiex car mill-provi jekk lil dawn in-nies l-ohra kellimhomx qabel jew wara li kellem lill-Ispettur. Lil Anthony Camilleri (li l-mara tieghu kienet habiba ta’ Rita Azzopardi, u t-tifel tieghu kien ukoll habib tat-tifel ta’ Azzopardi) qallu li Rita Azzopardi “hija imgerrxa, li hija mhawwda”, qallu biex ma jhallix lill-mara tieghu (cioe` ta’ Camilleri) taghmilha ma’ Rita Azzopardi, u qallu wkoll li “it-tifel taghha [cioe` ta’ Azzopardi] ihobb is-subien”. Fi kliem dan Camilleri:

“Jiena niftakar li qalli li l-mara Rita u t-tifel huma hbieb intimi hafna, li ma jaccettax bhala omm u iben…jien meta qalli hekk, ghidt dan ghalija ragel ghax fetahli ghajnejja fuq din il-mara, ghax ma kont naf xejn.”

L-appellant mar anke ghand il-kap ta’ l-iskola fejn kien imur it-tifel ta’ Azzopardi. Lil din il-kap ta’ l-iskola, is-sinjorina Margaret Psaila, l-appellant qalilha li hu kellu relazzjoni ma’ Rita Azzopardi u li din f’xi zmien riedet ittemm din ir-relazzjoni. Allega wkoll li kien hemm xi forma ta’ abbuz tat-tifel da parti ta’ ommu. Fi kliem l-imsemmija Psaila:

“Xhud: Allega fuq linja li kien hemm xi abbuz minn naha tal-omm lejn it-tifel…Emmini ma niftakarx id-dettalji, naf li [allega li] kien hemm certu familjarita` bejn l-omm u t-tifel.

Qorti: Imma inti fhimt familjarita` sesswali?

Xhud: Iva.

Qorti: Li kien hemm forma ta’ abbuz sesswali?

Xhud: Nahseb li hekk fhimt, fis-sens li mid-dettalji li beda jaghti qisu kien qed jallega li kien hemm xi abbuz sesswali.”

Fil-fatt din Margaret Psaila hasset li, fuq dak li kien qalilha l-appellant, kellha tiddiskuti l-kaz ma’ tenjn minn nies li hi kienet tafda u li kienu jafu sew lit-tifel, kif ukoll ma’ *social worker*. L-appellant ipprova jkellem ukoll lis-superjur tal-MUSEUM fejn kien imur it-tifel ta’ Azzopardi, pero` dan jidher li qata’ d-diskursata mill-ewwel qabel ma l-appellant lehaq qal xi haga fil-konfront ta’ Azzopardi.

L-appellant ghandu zewg aggravji li ser jigu riprodotti *verbatim*. Hu jikkontendi:

1. L-*animus injuriandi* ma giex sodisfacentement pruvat mill-prosekuzzjoni peress li l-kliem li nghad minn Joseph Gauci ma kienx intiz bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta' Rita Azzopardi izda kien intiz sabiex jissalvagwardja l-interessi tal-minuri [D.A.] u dan peress li l-kliem li nghad minn Joseph Gauci kien biss fil-konfront ta' persuni jew awtoritajiet li kellhom is-setgha li jiehdu passi jew mizuri, jew li jistghu jinfluwenzaw lill-persuni kompetenti biex jiehdu passi jew mizuri, biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' [D.A.];
2. Il-kliem li inghad mhux dejjem kien imfisser car.

Il-Qorti ser tibda billi tikkunsidra t-tieni aggravju. Permezz ta' dana l-aggravju l-appellant qed jinvoka l-mitigazzjoni kontemplata fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 252 tal-Kodici Kriminali. Din id-disposizzjoni tipprovdi illi "Jekk l-ingurja issir bi kliem mhux imfisser car jew b'canfir mhux specifikat inkella bi kliem jew eghmil li jkun biss mhux xieraq, il-hati jehel il-pieni stabbiliti ghall-kontravvenzjonijiet". Issa, bl-espressjoni "kliem mhux car jew canfir mhux specifikat" (*"…vague expressions or indeterminate reproaches…"* fit-test Ingliz) il-legislatur ried ifisser l-uzu ta' kliem li, ghalkemm ingurjuzi *per se*, ihallu dubbju jew incertezza f'mohh minn jismaghhom dwar dak li suppost ghamlet jew ma ghamlitx il-persuna li ghaliha dawk il-kliem ikunu jirreferu. Hekk, per ezempju, tista' tkun l-espressjoni "Missek tisthi taghmel affarijiet bhal dawk", minghajr ma jigu specifikati x'inhuma dawk l-affarijiet. Fil-kaz ***Carrie Camilleri v. John Aquilina*** (Appell Kriminali, 16 ta' Mejju, 1959), l-ingurja vaga kienet tikkonsisti filli ragel qal lill-gharusa tieghu li ma setax ikompli johrog maghha "fuq li sema' fuqa u fuq li kien ghadu jisma'". Kif tajjeb fissret il-Qorti Kriminali[1] (sedenti l-kompjant Imhallef William Harding) f'dak il-kaz, dawk il-kliem kienu ingurjuzi fil-konfront ta' dik it-tfajla peress illi l-istess indeterminatezza taghhom, kif espressa, kienet tali li taghti x'wiehed jahseb li, potenzjalment, kien hemm affarijiet li ma nghadux u li setghu kienu ta' certa gravita`. Jekk, pero`, dak li jkun qed jigi allegat fil-konfront tal-kwerelant ikun bizzejjed car ghal persuna ta' intelligenza ordinarja, anke jekk jigi mfisser b'mod indirett, ma jkunx hemm lok ta' l-applikazzjoni tas-subartikolu (2) tal-imsemmi Artikolu 252. Fil-kaz in dizamina il-Qorti tara li ma hemm ebda indeterminatezza fil-kliem ingurjuz uzat mill-appellant; b'dak li l-appellant mar jghid lil diversi nies kien qieghed ifissrilhom b'mod bizzejjed car, ghalkemm b'mod forsi xi ftit indirett, li Rita Azzopardi kienet mara ta' valuri morali laxki tant li kienet qed taghti skandlu lil binha u tippregudika jew tipperikola l-orjentament sesswali ta' binha u l-izvilupp normali tieghu f'dan ir-rigward. Ghalhekk dana t-tieni aggravju qed jigi respint.

Kwantu ghall-ewwel aggravju, ma hemmx dubbju li l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 252(1) tal-Kodici Kriminali trid tkun maghmula bil-hsieb specifiku li dak li jkun inaqqas jew itellef il-gieh ta' haddiehor. Hi dottrina pacifika li meta l-kliem (jew atti, kitba, disinji ecc.) ikunu manifestament ingurjuzi, tali intenzjoni specifika hi presunta, u jkun jinkombi fuq l-imputat jew akkuzat li jipprova (imqar fuq bazi ta'

[1] Il-Qorti Kriminali kienet allura tisma' appelli mill-Qorti tal-Magistrati, cioe` qabel it-twaqqif tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali bl-Att XXV ta' l-1967.

probabbilita`) li dawk il-kliem ma qalhomx bil-hsieb li joltraggja, izda b'xi skop iehor rikonoxxut mill-ligi li jinnewtralizza l-*animus injuriandi*[2]. Hekk, per ezempju, jekk il-kliem in kwistjoni jkunu ntqalu *animus corrigendi*, jew *animus consulendi*, jew *animus jocandi* ma jistax jinghad li hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 252(2) tal-Kodici Kriminali (ghalkemm fil-kaz ta' kliem li jinghad *animus jocandi* jista' jkollok, fil-ligi taghna, l-ingurja kontemplata fl-Artikolu 339(1)(e)). L-istess jista' jinghad jekk persuna tkun ragjonevolment tahseb li sar reat (kontriha jew fil-konfront ta' haddiehor) jew, anke jekk il-fatt ma jammontax ghal reat, jekk tkun ragjonevolment tahseb li qed issir xi haga li tista' tkun ta' hasar ghaliha jew ghal terzi, tista' tiddenunzja dak il-fatt lill-awtorita` kompetenti bla ma tinkorri fir-reat ta' ingurja. Kif gie mfisser mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet ***Emmanuele Baldacchino v. Stella Abela et.*** (Appell Kriminali, 6 ta' Dicembru, 1948):

"…hu principju sancit mill-gurisprudenza illi jekk persuna, ghal ragunijiet tajba, tkun gustifikata illi tahseb ragjonevolment, u mhux bla motiv gust, illi haddiehor ghamel reat ghad-dannu taghha, u timputalu dan ir-reat, allura b'daqshekk ma hix soggetta ghal proceduri ghall-ingurja. Izda hi kondizzjoni, fost ohrajn, ta' l-applikabilita` ta' dan il-principju illi l-imputazzjoni ghandha ssir bl-anqas pubblicita` possibbli. Jekk, b'kumbinazzjoni, meta ssir l-imputazzjoni jkun hemm xi hadd prezenti, b'daqshekk il-privilegg ma jintilifx necessarjament, basta li jirrizulta li l-imputazzjoni ma gietx komunikata lil persuni ohra "avvicinati bla bzonn"" (sottolinar ta' din il-Qorti, cioe` tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali).

Fil-kaz *de quo* ma hemmx dubbju li dak li qal l-appellant dwar Rita Azzopardi kien diskors ingurjuz fil-konfront ta' l-istess Azzopardi. L-appellant ghazel li ma jixhedx fl-istadju ta' appell. Minkejja li l-appellant ipproduca bhala xhud in difeza lil Angela Azzopardi, din il-Qorti hi tal-fehma li huwa ma ppruvax, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, li huwa kellu ragunijiet tajba biex jahseb li kien hemm xi haga "hazina" jew "mhux normali" fir-relazzjonijiet ta' bejn Rita Azzopardi u binha. Inoltre, din il-Qorti tistaqsi: assumendo li kellu ragunijiet tajba biex hekk jahseb, jekk l-uniku hsieb ta' l-appellant meta mar ikellem lid-diversi nies kien li jara li ma ssirx, jew li ma tkomplix issir, hsara morali lit-tifel, ghala ma nfurmax minnufih lill-awtoritajiet b'dak li kien jaf flok qaghad jistenna li tintemm ir-relazzjoni li hu kellu ma l-istess Azzopardi? U xi skop kien hemm li jmur ikellem lil Anthony Camilleri u jghidlu dak id-diskors fuq Azzopardi? Certament dan Camilleri ma kienx xi hadd "f'awtorita" li seta' jiehu passi biex jigi protett it-tifel ta' Azzopardi. Jew forsi l-appellant ried ukoll jipprotegi lit-tifel ta' Camilleri u lit-tfal kollha li t-tifel ta' Azzopardi kien jaghmilha maghhom? Kif gie osservat mill-Qorti Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Bovett v. Lorenza Formosa*** (Appell Kriminali, 8 ta' Gunju, 1957) biex wiehed jista' jinvoka bhala mezz difensjonali, f'materja ta' ingurja, l-*animus consulendi* jew l-*animus corrigendi*, jehtieg li dak li jkun izomm ruhhu fil-limiti ta' kliem konfidenzjali u li jkun qalhom biss lil min kien jehtieg jghidhom biex jilhaq l-iskop suppost salutari tieghu, bla ebda pubblicita` u "senza mescere un po` di livore proprio". Mill-kumpless tal-provi jirrisulta car li l-appellant, meta mar ikellem lid-diversi nies aktar 'l

---

[2] Ara, ***Francesco Cascun v. Rev. Sac. Charles Vella***, Appell Kriminali, 13 ta' Mejju, 1961.

fuq imsemmija, ma llimitax ruhhu ghal dak li kien strettament necessarju biex jilhaq is-suppost skop salutari li kellu f’mohhu.

Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul, hi tal-fehma li ma tistax takkolji l-ewwel aggravju ta’ l-appellant, u cioe` li ma kienx hemm l-*animus injuriandi* rikjest mill-ligi. Din il-Qorti, ghall-kuntrarju, hi konvinta, anke wara li kkunsidrat ukoll id-deposizzjoni ta’ Rita Azzopardi, li l-appellant kien ben konxju li kien qed jiddivulga fatti nfamanti fil-konfront ta’ l-istess Azzopardi, u li dan ghamlu biex jivvendika ruhhu minhabba l-fatt li hi kienet temmet ir-relazzjoni li kellha mieghu.

Fl-udjenza tat-8 ta’ Gunju, 2001, l-abbili difensur ta’ l-appellant itratta dwar il-piena u ssottometta, bla pregudizzju ghall-aggravji elenkati fir-rikors ta’ appell, li l-kaz ma kienx jimmerita piena karcerarja. Din il-Qorti, pero`, tenut kont tal-gravita` tal-malafama, ma hix propensa li tiddipartixxi mill-piena erogata mill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**Il-Qorti tordna li isem il-kwerelanti u isem binha b’ebda mod ma jissemmew f’xi rapport ta’ din is-sentenza li jista’ talvolta jigi pubblikat fil-gazzetti jew imxandar fuq mezzi ohra ta’ komunikazzjoni.**

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur